**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 050/2018**

**QU u TU ('l-ilmentaturi')**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Ltd.**

**(C 30053) ('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tas-27 ta' Jannar 2020**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn qed jigi sottomess:

Illi fil-21 t'Ottubru 2008, l-ilmentaturi akkwistaw permezz tal-provditur tas-servizz, investiment fil-*Lifemark SA - Secure Income Bond Issue 4* (*SIB*) fl-ammont ta' £51,741.28.

Illi matul l-ewwel sena, l-ilmentaturi hadu l-imghaxijiet li kienu miftehmin skont il-prodott mibjugh, b'dan illi fil-bidu tas-sena 2010, l-ilmentaturi xtaqu li jbieghu l-investiment taghhom b'mod immedjat. Infatti, permezz ta' dikjarazzjoni tal-14 ta' Jannar 2010, iffirmata mill-ilmentaturi u li kienet mibghuta permezz ta' posta registrata lill-provditur tas-servizz, talbu li l-investiment taghhom jinbiegh immedjatament. Xi granet wara cempel ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz li kien bieghilhom il-prodott u talabhom jikkonfermaw jekk huma kinux ghadhom bl-intenzjoni li jbieghu il-prodott. L-ilmentaturi ikkonfermaw dan.

Illi l-istruzzjonijiet li kienu taw l-ilmentaturi lill-provditur tas-servizz ma kinux gew esegwiti u, infatti, Rodian Formosa kien ikkomunika maghhom xi erba' xhur wara li l-kumpanija li kienet tipprovdi l-prodott li kienu xtraw l-ilmentaturi kienet falliet.

Dan kollu gara numru ta' xhur wara li l-istess ilmentaturi kienu taw struzzjonijiet biex il-prodott jinbiegh.

Illi, ghalhekk, l-ilmentaturi jilmentaw dwar in-nuqqas tal-provditur tas-servizz li ma esegwiex l-istruzzjonijiet taghhom li wassal ghat-telf ta' eluf ta' Liri Sterlini li huma sofrew.

Qed jitolbu lill-Arbitru tat-telf kollu soffert mis-somma originali ta' £51,741.28, minbarra l-imghaxijiet dovuti, sal-gurnata tal-llum. L-ilmentaturi ircevew is-somma ta' £8,209.04, liema ammont ikopri biss parti mis-somma investita.

Qed jitolbu l-hlas lura ta' kwalunkwe parti mill-investiment taghhom li ghadu ma thallasx kif ukoll l-imghaxijiet li tilfu sal-gurnata tal-llum.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talba tal-ilmentaturi stante li hija bbazata fuq nuqqas tas-socjetà intimata li tesegwixxi struzzjonijiet tal-ilmentaturi hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti ma hijiex il-legittimu kontradittur tal-ilmentaturi ghax ma hijiex l-emmettrici tal-prodott in kwistjoni, u ghalhekk hija s-socjetà emmettrici estera li ghandha twiegeb ghat-talba tal-ilmentaturi;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talba tal-ilmentaturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma huwiex minnu li s-socjetà intimata ma esegwietx l-istruzzjonijiet tal-ilmentaturi; Illi s-socjetà intimata mxiet fl-ahjar interess tal-klijenti taghha u ma naqsitx milli tesegwixxi l-istruzzjonijiet tal-ilmentaturi meta bhala intermedjarja licenzjata taht l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370) hija baghtet dawn l-istruzzjonijiet immedjatament lill-emmettrici estera tal-prodott '*Lifemark S.A. Secure Income Bond Issue 4 GBP – QI*' kif ser jirrizulta mill-provi; Illi inoltre, l-eccepjenti ma tistax tinsab responsabbli ghal telf li sehh f'investiment li hi ma kinitx qieghda tiggestixxi, in kwantu agixxiet biss bhala intermedjarja meta baghtet l-istruzzjonijiet tal-ilmentaturi lill-emmettrici tal-prodott;

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talba tal-ilmentaturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjetà intimata mhix responsabbli versu l-ilmentaturi ghal ebda telf jew dannu li setghu gew sofferti mill-ilmentaturi, la minhabba li ma esegwietx l-istruzzjonijiet tal-ilmentaturi u lanqas minhabba xi komportament iehor kif allegat fl-ilment tal-ilmentaturi u ghalhekk is-socjetà intimata ma ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont ta' kumpens in linea ta' telf jew dannu lill-ilmentaturi u ghalhekk it-talbiet fl-ilment tal-ilmentaturi ghandhom jigu respinti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talba ghall-imghaxijiet fl-ilment tal-ilmentaturi hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt; illi apparti l-fatt li la l-kapital u lanqas id-dhul jew tkabbir kapitali ma kienu garantiti mis-socjetà intimata, jigi sottomess illi l-ilmentaturi ghamlu l-investiment *de quo* fl-2008, jigifieri ezatt qabel l-akbar krizi fis-swieq finanzjarji li rat id-dinja mis-snin 1930 'l hawn. Ghalhekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentaturi ma jistghux jassumu illi kieku investew flushom f'investiment iehor il-kapital taghhom kien ser jibqa' shih u/jew li kienu ser jaghmlu xi dhul mill-investiment taghhom; Illi ghalhekk qed jigi eccepit il-*casus*, stante li kwalunkwe telf li setghu garrbu l-ilmentaturi huwa direttament u/jew indirettament ir-rizultat tal-andament tas-swieq finanzjarji u tal-krizi finanzjarja dinjija;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjez ta' dawn l-istanzi ghandhom jigu sopportati mill-ilmentaturi.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**:

**Eccezzjonijiet Preliminari**

*Eccezzjoni dwar Preskrizzjoni*

Il-provditur tas-servizz qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

L-Arbitru jinnota li din l-eccezzjoni inghatat fir-risposta tal-provditur tas-servizz li giet ipprezentata fl-4 t'April 2018. Sa dak iz-zmien, kienu digà saru emendi fil-Kodici Civili li tefghu piz aktar fuq il-konvenut (il-provditur tas-servizz) dwar eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni.

Fil-fatt, l-emendi relevanti dahlu fis-sehh fit-13 ta' Jannar 2017.

L-artikolu relevanti f'dan il-kuntest huwa l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 li jipprovdi:

'2160(1): *Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom****, ma jaghtux gurament minn jeddhom*** *waqt il-kawza* ***li mhumiex debituri,*** *jew li* ***ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.***[1]

Il-Qrati taghna spjegaw sew kif kellu jimxi min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni wara t-13 ta' Jannar 2017, meta dahlu dawn l-emendi fil-Kodici Civili.

Fil-kawza fl-ismijiet: ***Bottega Del Marmista Ltd – vs - Paul Mifsud pro et*** **tas-26 ta' Jannar 2018, il-Qorti tal-Appell,** fost affarijiet ohra, qalet:

'*Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehedu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjetà attrici (fol. 38 u 39). Però dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma xehedu minn jeddhom. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju.*

*Il-Qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibiltà lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

*"Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa".*

---

[1] Enfasi tal-Arbitru

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra.'*

Imbaghad, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet: ***P&S Ltd et vs Noel Zammit et* deciza fis-16 ta' Jannar 2018,** tispjega li l-gurament li jrid jiehu l-konvenut **minn jeddu** jrid ikun ukoll ritwalment skont il-formula kif stabbilita fl-Artikolu 2160, u jekk din ir-ritwalità ma tigix osservata ghalhekk il-gurament ma jghoddx u l-konvenut ma jkunx jista' jibbenefika mill-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li jkun ta.

Il-Qorti qalet hekk:

*'Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. Il-Konvenut imkien ma jghid, l-anqas in kontro ezami, testwalment, dak li jrid l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili.*

*F'dan ir-rigward gie affermat fis-Sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Tabib Principal tal-Gvern - vs - Georgina Muscat tat-8 ta' Marzu 1978**:*

*"Il-formula tal-gurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqghod jitlob spjegazzjonijiet ohra lill-konvenut, bhal per ezempju il-kawza ta' l-estinzjoni, imma ghandu joqghod strettament ghall-formula tal-gurament, li ghal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi wahda jew l-ohra mit-tnejn specifikati fl-Artikolu 2265(1) (illum 2160(1)] Kodici Civili" 22. Huwa minnu li dan il-bran intqal fid-dawl tal-ligi kif kienet. Izda huwa minnu ukoll, li fil-ligi kif inhi llum, il-formula baqghet hemm u inalterabbli'.*

Fil-kaz li ghandu quddiemu l-Arbitru, il-konvenut m'ghamilx dak mitlub minnu fl-Artikolu 2160, kif spjegat fis-sentenzi 'l fuq imsemmija u, ghalhekk, ma jistax jibbenefika mill-eccezzjonijiet tieghu tal-preskrizzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni dwar jekk il-provditur tas-servizz kienx il-legittimu kontradittur qieghda wkoll tigi michuda. Kemm mill-istqarrijiet li saru kif ukoll mid-dokumenti esebiti jidher car li kien sar negozju bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz u kien hemm relazzjoni guridika bejniethom. Ghalhekk, il-provditur tas-servizz huwa l-legittimu kontradittur.

Il-fatt li l-provditur tas-servizz ma kienx il-kumpanija emmettrici tal-prodott huwa rrelevanti ghaliex l-ilment m'huwiex dwar il-gestjoni tal-prodott izda dwar l-imgiba tal-provditur tas-servizz li allegatament ma segwiex l-istruzzjonijiet tal-ilmentaturi fil-hin.

Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[2]

F'dan il-kaz l-ilment li ghamlu l-ilmentaturi huwa bbazat fuq l-allegazzjoni li l-provditur tas-servizz naqas milli jesegwixxi fil-hin l-istruzzjonijiet li huma tawh fl-14 ta' Jannar 2010. Jigifieri l-ilment huwa **unikament** jekk il-provditur tas-servizz esegwiex l-istruzzjoni sabiex ibiegh immedjatament l-investiment fil-*Lifemark* li kellhom l-ilmentaturi u jekk kienx negligenti fil-qadi ta' din l-istruzzjoni.

L-Arbitru ghandu zewg verzjonijiet quddiemu, dik tal-ilmentaturi u dik tal-provditur tas-servizz.

**Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi**

Ghall-ilmentaturi xehed biss l-ilmentatur fejn wara li qal kif kien inbieghlu l-prodott, dwar il-kwistjoni tal-ezekuzzjoni tal-ordni tieghu xehed hekk:[3]

*'Wara li xtrajt il-prodott, ghadda ftit taz-zmien, la naf xhur lanqas snin, u kien hemm persuna li fethitli mohhi u qaltli, "Dawk mur bieghhom ghax se jkun hemm*

[2] Kap. 555, Art.19(3)(b)
[3] *A fol.* 49 - 50

*l-inkwiet." Ahna konna ktibnilhom ittra, li qed nesebiha issa bhala Dok. AA1, li kien kitibhieli habib tieghi li ghandu x'jaqsam mal-investimenti.*

*Xi jumejn wara, kien cempilli Rodian Formosa, u staqsieni "Inti cert li trid tbieghhom," u jien ghidtlu, "Jien cert mija fil-mija."*

*Ma nafx x'gara minn din l-ittra jekk hallihiex fuq id-desk tieghu u ma hax azzjoni fuqha. Kellimtu u kkomunikajt kemm-il darba mieghu, cempiltlu, u kemm-il darba morna ghand il-Globe. Kellimtu kemm-il darba fuq din l-ittra u kien jghidli li hemm cans kbir li nirrangaw; u, mbaghad, ghadda z-zmien u bqajna sejrin dejjem b'dawn l-argumenti.*

*Nghid li ghaddew certu snin u darba ircevejt ittra li dawn l-investimenti tieghi se jispiccaw u li se niehdu parti mis-somma sa 15%. Sa qabel din l-ittra li qed nghid li qaluli li se niehu 15% tal-investiment, kien qalli Rodian Formosa li kien hemm bank Amerikan li hemm cans li jiehu over hu u hemm cans li niehdu l-flus*.'

In kontroezami ikkonferma dan li gej:

*'Nikkonferma li f'Marzu 2010, jien kont ircevejt ittra minghand GlobalCapital bil-Malti u bl-Ingliz.*

*Nghid li kont naf li stajt nitlef il-flus, però, mhux f'dak il-qosor ta' zmien.'*[4]

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

Ghall-provditur tas-servizz xehedu, permezz tal-*affidavit*[5] u quddiem l-Arbitru,[6] Michael Schembri u Rodian Formosa.

Dwar il-mertu tal-kaz, Michael Schembri xehed, fost l-ohrajn, rigwardanti l-mertu in kwistjoni illi l-provditur tas-servizz kien ghadda l-istruzzjonijiet tal-ilmentaturi u anke l-ittra tal-14 ta' Jannar 2010:

'*Illi fil-fatt il-'Paying Agent' 'Cavendish Trust Company Limited' kienet irrispondiet ghat-talba tal-ilmentaturi ghall-fidi b'ittra tal-11 ta' Frar 2010 fejn infurmaw lill-GCFM li "the units for the above product has currently been suspended on the Luxembourg stock market. As such the encashment you*

[4] *A fol.* 98
[5] *A fol.* 53 -55, u 56
[6] *A fol.* 98-99

*requested on the above product has been unable to be carried out. We will contact you again when we have further information in relation to the suspension."'*[7]

L-istess xhud zied jghid:

'*Illi daqs kemm hu veru li ma setax isir fidi fiz-zmien li gie mitlub- u kif GCFM giet infurmata permezz tal-ittra tal-11 ta' Frar 2010 surriferita - GCFM kompliet biex taqdi lill-klijenti taghha u zzommhom infurmati billi xahar biss wara u cioè fil-5 ta' Marzu tas-sena 2010, bhala intermedjarja, kienet baghtet cirkolari bl-Ingliz u bil-Malti lill-investituri kollha li nvestew fl-SIB tramite tal-istess intimata fejn infurmathom illi kienu gew appuntati "provisional administrators" ghall-fond ghal perjodu ta sitt xhur "bl-akbar setghat estensivi, li jinkludu s-setgha li jakkwistaw u jirrealizzaw assi".'*

Il-provditur tas-servizz rega' informa lill-investituri fl-10 ta' Lulju 2010, b'informazzjoni addizzjonali u s-*security trustee* kien hallas lill-ilmentaturi parti mill-kapital fl-ammont ta' £8,208 u imghaxijiet ta' £944.28.

Fil-kontroezami[8] zied jispjega:

'*Nghid li l-ittra tal-14 ta' Jannar 2010, li kiteb l-ilmentatur lill-GlobalCapital, ahna konna ircevejniha.*

*Mistoqsi x'azzjoni hadna bejn id-data tal-ittra li kiteb l-ilmentatur fl-14 ta' Jannar 2010, sad-data ta' meta rcevejna minghand Cavendish, nghid li ghandna l-ittra tal-14 ta' Jannar 2010, waslet fit-18 ta' Jannar 2010.*

*Nghid li, mbaghad, dawn l-instructions gew mghoddija mill-Back Office lil Cavendish, li hu l-Manager tal-Fund. Nghid li ahna ma kellniex kontroll, f'dan il-kaz, fuq il-Manager meta jwiegeb. Nghid li wegibna f'nofs Frar biex jghidilna li kien hemm problemi fuq il-fund.*

*Nghid li bhala konferma ta' li qed nghid hemm l-ittra ta' Cavendish li ghaddejna lill-investituri. U din hija MS2 (a fol 58 tal-process) annessa mal-affidavit tieghi.*

[7] *A fol.* 53
[8] *A fol.* 98

*Ahna meta konna nircievu ahbarijiet minn barra - tajbin jew hziena - konna ninfurmaw lill-klijenti bl-ezitu u, generalment, dan kien isir bit-telefon.'*

Rodian Formosa ikkonferma li f'Jannar 2010 kienu ircevew struzzjonijiet minghand l-ilmentaturi biex ibieghu l-investiment izda, sfortunatament, l-investiment kien digà gie sospiz u, ghalhekk, l-ebda investitur ma seta' jbiegh l-investiment tieghu dak iz-zmien. [9]

Fil-kontroezami[10] tieghu zied jghid:

*'Nghid li lili QU infurmani li ried jifdi l-investiment b'ittra ta' Jannar 2010.*

*Nghid li f'dan il-kaz, jien bqajt insegwi l-kaz u f'kuntatt ma' QU.*

*Nghid li l-procedura taghna kienet li jien nibghat l-ittra li rcevejt minghand l-ilmentatur il-Back Office u l-Back Office, imbaghad, jibghatuha lill-Fund Manager. Ma niftakarx jekk meta ircevejt l-ittra ta' Jannar 2010, ikkomunikajtx ma' QU jew le.*

*Nghid li f'nofs Frar ircevejna ittra minghand Cavendish fejn qalulna li l-fund kien sospiz u ma setax isir fidi minnu.*

*Nghid li ahna konna nikkomunikaw l-istruzzjonijiet tal-klijenti lil Cavendish billi konna nibaghtu l-ittra originali li jkun baghat il-klijent lil Cavendish bil-posta.*

*Mistoqsi kemm ghadda zmien qabel ma l-ittra ntbaghtet lil Cavendish, nghid li l-ittra nkunu baghtniha lill-Fund Manager immedjatament.'*

Ix-xhieda tal-provditur tas-servizz mhix kontradetta mill-ilmentaturi, u mill-ittri esebiti jirrizulta li fi Frar 2010, il-provditur tas-servizz kien digà kellu risposta minghand *Cavendish* ghat-talba tal-ilmentaturi. Dan ifisser li, kif xehedu r-rapprezentanti tal-provditur tas-servizz, l-istruzzjonijiet li kienu ircevew minghand l-ilmentaturi esegwewhom immedjatament.

Hemm prova wkoll li l-ilmentaturi regghu gew infurmati bl-andament ta' dak li kien qed jigri f'Marzu u Lulju 2010, u l-provditur tas-servizz baqa' jsegwi dak li kien qed jigri tant li anke gab lura parti mill-kapital lill-ilmentaturi.[11]

---

[9] *A fol.* 56
[10] *A fol.* 99
[11] *A fol.* 87, 89, 91, 93

**Ghalhekk l-Arbitru ma jhossx li l-provditur tas-servizz kien negligenti fil-qadi ta' dmirijietu sabiex jesegwixxi l-ordni ghall-bejgh tal-investiment li tawh l-ilmentaturi fl-14 ta' Jannar 2010.**

**L-ilment huwa limitat ghal din il-kwistjoni u xejn aktar.**

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet 'il fuq imsemmija, l-Arbitru jiddeciedi li ma kien hemm l-ebda traskuragni jew negligenza rigward dak li intqal fl-ilment u qed jichad l-ilment.**

**Peress li l-Arbitru cahad l-eccezzjonijiet preliminari tal-provditur tas-servizz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**